# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 27 ta' Marzu 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Justin Farrugia**

**Kumpilazzjoni Nru: 1379/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Justin Farrugia detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 228891(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar il-11 ta' Dicembru, 2011 ghal habta ta' l-10:30 gewwa Tulip Flats, Flat 4, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapiitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-04 u s-06

Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. U akkuzat ukoll talli din l-ahhar sena gewwa l-Gzejjer Maltin kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. U akkuzat ukoll talli din l-ahhar sena gewwa l-Gzejjer Maltin forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikati fl-ewwel skeda ta’ l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.

292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U akkuzat ukoll talli fil-11 ta' Dicembru 2011 u fil-granet qabel gewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex jew f'xi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer xjentement ghex ghal kollox jew parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni.

5. U akkuzat ukoll talli fil-11 ta' Dicembru, 2011 u fil-granet ta' kellu fuqu arma regolari, jew imitazzjoni ta' arma regolari minghajr il-pussess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

6. U aktar talli kiser is-sentenza sospieza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 ta' Frar 2011 liema sentenza kienet ghada fis-sehh.

Il-Qorti hija mitluba tqis lil Justin Farrugia bhala recediv ta' diversi sentenzi a tenur ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali datata 20 ta' Frar 2012 permezz ta' liema, ai termini ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur ta'l-istess Ordinanza.

Rat l-ordni datat 25 ta' Gunju 2013 permezz ta' liema dan il-kaz gie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali datata 19 ta' Mejju 2015 pemezz ta' liema

- ai termini ta'l-artikoli 22(2)(a) u 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ordna li l-imputat jigi processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur ta'l-istess Ordinanza; u
- ai termini ta'l-artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:
  a) 7 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta,
  b) 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta,
  c) 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
  d) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u
  e) 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz beda fil-11 ta' Dicembru 2011 meta certu Patrick Sciberras mar jirrapporta f'l-ghassa tal-pulizija ta'l-Msida li kien ghadu kif gie mhedded b'arma tan-nar.

Illi dan Patrick Sciberras xehed quddiem din il-Qorti[1] u spjega li fil-gurnata in ezami huwa kien qieghed il-Gzira u dahal ghand wahda. Hemm huwa neza, pero ra s-sodda tghola ghalhekk beza', liebes u hareg jigri; hdejn il-bieb kien hemm tnejn u ghamlu pistol ma' rasu, taghhom il-flus, telaq jigri u baqa' sejjer l-ghassa biex jirrapporta dak li kien gara. Mistoqsi jekk jgharafx lil xi hadd mill-persuni li kienu prezenti f'l-awla dak il-hin ta'l-udjenza Sciberras rrisponda li le[2].

Illi xehed PS1575 Robert Fava[3] li kkonferma li Sciberras kien mar jaghmel ir-rapport. Sciberras qal lis-surgent li kien qieghed il-Gzira, ra wahda u ftehmu fuq xi atti sesswali ghall-prezz ta' ghoxrin Euro. Tela' f'l-appartament taghha li kien jifforma parti minn blokka li jisimha Tulip Flats, u meta dahal f'l-appartament iccekkja taht is-sodda, hi bdiet tghajjat u hareg ragel li kellu pistola f'idu u talbu l-flus; Sciberras tah hmistax il-Euro. Il-pulizija marru fuq il-post fejn irrizulta li l-mara li kien tkellem maghha Sciberras kienet certa Donna Marie Stone u li l-ragel li allegatament hareg il-pistola kien certu Christian Bugeja. Saret tfixxija f'l-appartament ta' Stone, fil-handbag taghha u anke fil-vettura ta' Christian Bugeja; fil-handbag ta' Stone instabu siringi li deheru uzati; ma jirrizultax mill-atti processwali jekk instabu xi affarijiet ohra ta' natura suspettuza.

Illi l-ufficjal prosekutur, l-ispettur Sarah Magri, xehdet ukoll[4]. Hija tispjega li wara r-rapport li kien sar minn Sciberras u wara l-investigazzjoni inizjali

[1] Depozizzjoni a fol 102 et seq.
[2] Ghandu jigi rilevat li dan Sciberras kien xhud pjuttost riluttanti; huwa fil-fatt xtaq li ma jixhidx.
[3] Depozizzjoni a fol 93 et seq.
[4] Depozizzjoni a fol 24 et seq.

da parti ta' PS 1575 komplew jinvestigaw hi u l-ispettur Jason Sultana. Peress illi fil-kors ta'l-invetsigazzjoni rrizulta li l-persuna li allegatament ghamlet pistola ma' ras Sciberras setghet harget mill-appartament ta' faccata dak ta' Stone saret tfixxija ukoll f'dan l-appartament, cioe l-appartament fejn kienu joqghodu l-imputat u t-tfajla tieghu Ellie Briffa[5]. Fil-kors ta' din it-tfixxja instabu, fil-kamra tas-sodda: condoms u tissues, u minn karma tas-sodda ohra: pakkett suspettat li jikkontjeni droga eroina, pipa tad-droga, foil, paketti zghir u zewg note books. Wara din it-tfixxija l-imputat u Ellie Briffa gew arrestati ukoll u t-tnejn tressqu b'imputazzjonijiet varji. L-ispettur Magri prezentat ukoll numru ta' sentenzi mghotija fil-konfront ta' l-imputat[6] u kkonfermat li l-imputat ma kellu l-ebda licenjza biex izomm jew igorr arma tan-nar[7].

Illi jidher li Ellie Briffa ammettiet l-imputazzonijiet migjuba kontra taghha ghalkemm din il-Qorti ma nghatat l-ebda informazzjoni dwar x'kienu dawn l-imputazzjonijiet.

Illi Ellie Briffa tressqet biex tixhed; hija pero kienet xhud riluttanti hafna u allegat li ma tiftakar xejn dwar dan l-episodju; lanqas tiftakar b'xiex kienet akkuzata u ghal xiex kienet ammetiet. Tghid biss li hija kienet toqghod ma'l-imputat (li mieghu kellha relazzjoni) f'appartament il-Gzira f'Testaferrata Street u li hemm kienet taghmel xoghol ta'prostituzzjoni; tghid li l-flus li kienet taqla' kienet izommhom kollha hi.

Illi xehedt ukoll PS252 Valerie Farrugia[8]. Hija spjegat li kienet prezenti ma'l-ispettur Sarah Magri u l-ispettur Jason Sultana meta saret tfixxija f'l-appartament ta' l-imputat u Ellie Briffa u kkonfermat li nstabu l-oggetti elenkati mill-ispettur Magri.

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri kien gie nominat ix-xjenzjat Godwin Sammut biex jezamina dawk l-oggetti li gew elevati mill-appartament ta'l-imputat. Mid-depozizzjoni u r-rapport tieghu[9] jirrizulta li fil-pipa (flixkun tal-coca cola forma ta' pipa) ma nstabitx droga; fil-bicciet tal-plastic u l-foil instabu tracci tad-droga eroina; fil-likwidu ta' kulur kannella li kien hemm fil-qartas instabet is-sustanza eroina.

---

[5] It-tfixxija saret fil-prezenza taghhom.
[6] Depozizzjoni a fol 144.
[7] Depozizzjoni a fol 202.
[8] Depozizzjoni a fol 112 et seq.
[9] Depozizzjoni a fol 123, u r-rapport a fol 125.

Illi ghandu jigi rilevat li z-zewg note books imsemmija fid-depozizzjoni ta'l-ispettur Magri huma esebieti in atti. Wiehed minnhom[10], effettivament huwa receipt book. Fih hemm tlett ricevuti ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Euro il-wahda apparentement relatati ma xi ammont dovut ta' erbgha mija u hames mitt Euro; jidher ukoll li l-persuna l-ohra involuta f'dan il-kreditu hija persuna maghrufa bil-laqam "il-qorru". Ghandu jigi rilevat pero li ghalkemm l-ircevuti huma miktubin u iffirmati l-parti li normalment tinghata lill-persuna li ghamlet il-pagament ghadha mhux maqtugha. Aktar minn hekk bil-mod kif huma miktubin dawn l-ircevuti (kemm il-parti li tinqata' u l-parti li tibqa' fil-ktieb cioe il-*counterfoil*) mhux car jekk l-imputat mhux il-kreditur jew id-debitur. Fin-note book l-iehor (dak li ghandu l-isem Ellie miktub fuqu)[11]hemm xi notamenti dwar xi erbgha ammonti dovuti[12] u jidher li l-hlas ta' dawn l-ammonti dovuta kellu jsir f'pagamenti ta' kull jum; anke f'dan in-notebook mhux car minn hu d-debitur u min hu l-kreditur. M'hemm l-ebda indikazzjoni, fiz-zewg kotba, x'jirraprezentaw l-ammonti indikati.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx pero huwa rrilixxja stqarrija[13] fil-kors ta'l-investigazzjoni mmexxija mill-pulizija. Huwa jghid li fil-gurnata ta' l-incident in ezami kien joqghod f'l-appartament numru tlieta Tulip Flats Triq Testaferrata Msida u li kien ilu joqghod hemm xahar flimkien ma' Ellie Briffa. Jikkonferma li l-oggetti esebieti mill-ispettur instabu f'dak l-appartament u huma tieghu u ta' Ellie. Dwar il-notebooks[14] jghid li "*dawk huma meta jien ncempel uhud min-nies ghaliex nispicca broke u nikteb sa biex ma ninsiex lil min ghandi naghti*". Dwar in-notebook li fuqu hemm l-isem Ellie jinnega li dak huwa rendikont ta' bejgh ta' droga li tkun ghamlet Ellie Briffa imma jghid li dak huwa ktieb ta' ricevuti ta' pagamenti li jkun ghamel lill-kredituri tieghu. Dwar l-incident li kien jinvolvi lil Patrick Sciberras sema' xi haga (dal li sema' u ra) pero jichad kwalunkwe involviment. Dwar Ellie jghid li quddiemu qatt ma niezlet fit-triq (ghax-xoghol) ghalkemm huwa ma jkunx hemm il-hin kollu, u li f'l-appartament tieghu rari jidhlu nies u dawn ikunu mistednin, jew xi nies li jhabbtulu ghal xi pjacir. L-imputat jghid ukoll li huwa ma'jahdimx u jghix fuq l-introjtu minn bejgh ta' zewg vetturi li kellu. In konkluzzjoni jzied li minn xi tlett xhur qabel l-istqarrija kien rega beda jiehu l-eroina u dan wara li kien

[10]Esebiet bhala Dok 5.
[11] Esebiet bhala Dok 6.
[12] Wiehed mill-ammonti indikat huwa ta' erbgha u hamsin Euro u l-persuna indikata hija " il-qorru" ghalhekk jista' jkun konness ma jew huwa addirittura l-istess ammont imsemmi fir-receipt book.
[13] Esebieta bhala Dok 7 a fol 27 et seq.
[14] Hu jirreferi ghalihom bhala kotba.

ghamel erbatax il-xahar *clean*; zied ukoll li kemm kien ilu ma' Ellie ma hax kokajina.

Illi l-imputat ressaq lill-probation officer tieghu bhala xhud. Hija qalet li kienet ilha issegwih minn Dicembru 2013 u dak iz-zmien kien jaghmel uza mill-cannabis; l-ewwel test li hareg negattiv ghal uzu ta' xi sustanza illecita kien dak ta' Ottubru 2016. Hija tghid ukoll li rat kambjamenti pozittivi f'l-imputat ghalkemm kien hemm xi ftit ta' intoppi fit-twettieq tax-xoghol fil-kommunita li kien impost ma'l-ordni ta'probation.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat qed jigi addebietat b'diversi imputazzjonijiet:
1. pussess tad-droga eroina;
2. pussess tad-droga kokajina;
3. traffikar tad-droga eroina;
4. ghajxin fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni;
5. pussess ta' arma tan-nar jew imitazzjoni taghha;
6. recidiva; u
7. twettieq ta' reat waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospieza.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li fir-residenza ta' l-imputat instabet sustanza li giet identifikata bhala eroina mill-espert nominat mill-Qorti. Xi oggetti ohra li nstabu ukoll fir-residenza ta' l-imputat[15] gew ezaminati mill-stess espert u fuqhom nstabu tracci tad-droga eroina ukoll. Fil-verita dan il-fatt mhux kontestat mill-imputat ghaliex f'l-istqarrija tieghu huwa jammetti li kien qed jiehu l-eroina u li dik is-sustanza li kellu d-dar kienet eroina.

Illi ma nstabet l-ebda sostanza ohra mill-analizi li ghamel l-espert nominat. Tenut kont ta' dan, tenut kont tal-fatt li dak kollu li deher suspettuz ghall-pulizija meta ghamlu t-tfixxija ghand l-imputat gie elevat u analizzat mill-espert imsemmi u tenut kont li f'l-atti processwali m'hemm l-ebda accenn ghal xi sustanza ohra (minbarra l-eroina) li seta' kellu konnessjoni maghha l-imputat fil-perjodu indikat fic-citazzjoni, hija nieqsa kwalunkwe prova li l-imputat kellu fil-pusess tieghu d-droga kokajina.

Illi ghalhekk fil-waqt li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata, l-istess ma jistax jinghad ghat-tieni imputazzjoni.

[15] Dawn kienu oggetti li huma hafna drabi huma relatati ma'l-uzu tad-droga.

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li traffika d-droga eroina.

Illi kif diga ntqal jirrizulta ampjament li l-imputat kellu din id-droga fil-pussess tieghu; ghalkemm ma jirrizultax bi precizjoni x'kwantita kellu, ma jidhirx li kienet xi kwantita partikolari. Fid-depozizzjoni taghha l-ispettur Magri tirreferi ghal pakkett eroina fil-waqt li fid-deskrizzjonzi tieghu ta' dan il-pakkett l-espert Godwin Sammut jirreferi ghalih bhala qartas tal-plastic li kien fih likwidu ta' lewn iswed/kannella skur.

Illi ghandu jigi rilevat li waqt li kien qed jirrilaxxja l-istqarrija lill-imputat ma saritlu l-ebda mistoqsija dwar traffikar da parti tieghu. Gie mistoqsi ta' min kienu l-affarijiet elevati, u hu ammetta li kienu tieghu; mistoqsi jekk in-notebook li kellu l-isem Ellie fuqu kienx rendikont ta' kemm bieghet droga Ellie (Briffa – it-tfalja tieghu) jghid li dak ma kienx rendikont ta droga ghaliex hu ma jbieghx droga. L-unika mistoqsija ohra li kienet relatata mad-droga kienet mistoqsija dwar x'jiehu droga; l-imputat irrisponda li huwa jiehu eroina biss u li kemm ilu ma' Ellie qatt ma ha kokajina.

Illi mill-parti tar-riassunt tal-provi jirrizulta li n-note book imsemmi[16] hemm rendikont ta' xi ammonti dovuta u fil-ktieb ta' l-ircevuti hemm xi ricevuti miktuba li ghadhom mhux maqtugha. Pero ma jirrizultax x'jirraprezentaw dawk l-ammonti. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li mill-atti mhux car x'piz qed taghti l-prosekuzzjoni lil dawn il-kotba jew b'rabta ma' liema imputazzjoni jistghu ikunu element ta' prova[17]. Fil-fehma tal-Qorti dawn iz-zewg kotba ma jaghtu l-ebda informazzjoni li tista' titqies bhala prova li l-imputat kien jittraffika d-droga.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi t-tielet imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Illi r-raba imputazzjoni hija dik bazata fuq l-artikolu 7 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta cioe dik dwar ghejxin fuq il-qligh tal-prostituzzjoni. Permezz ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kien qed jghix fuq il-qligh li kienet taghmel Ellie Briffa permezz tal-prostituzzjoni taghha.

---

[16] Dak li ghandu l-isem Ellie fuqu.
[17] Cioe hux b'rabta mat-tieni jew mat-tielet imputazzjoni.

Illi ghalkemm l-imputat jghid li meta hu jkun id-dar Ellie qatt ma kienet tinzel tahdem, il-fatt li Ellie Briffa kienet tipprostitwixxi lilha nnifisha jirrizulta mid-depozizzjoni taghha stess; hija pero tghid li l-flus li kienet taqla kienu ghaliha.

Illi l-imputat da parti tieghu ma jsemmi xejn fuq il-flus li Ellie kienet taqla' mill-prostituzzjoni; fil-verita hu ma giex mistoqsi fuq dan, gie mistoqsi biss jekk il-ktieb li kellu l-isem Ellie fuq kienx jirraprezenta rendikont ta' qliegh minn bejgh tad-droga da parti ta' Ellie. L-unika haga li jghid l-imputat dwar flus fir-rigward ta' Ellie kienet ir-risposta ghall-mistoqsija jekk anke Ellie Briffa kellhiex dejn, jghid li "*ahna bhala hlas nimxu bhala koppja, jigifieri li hu tieghi hu anke taghha jigifieri anke hi ghandha d-dejn*". F'l-atti processwali m'hemm l-ebda prova ohra li b'xi mod tista' titfa dawl fuq l-imputazzjoni issa in ezami li ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jistax jinghad li giet sodisfacjentement pruvata.

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe il-pussess ta' arma tan-nar jew ta' imitazzjoni ta' arma tan-nar minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi fil-waqt li mid-depozizzjoni ta'l-ispettur Magri jirrizulta li l-imputat m'ghandux permess biex izomm jew igorr kwalunkwe tip ta' arma jew imitazzjoni taghha, minn imkien mill-atti processwali ma jirrizulta li fil-11 ta' Dicembru 2011 jew fil-granet ta' qabel l-imputat kellu xi arma tan-nar fil-pussess tieghu. Dan jinghad ghaliex na nstabet l-ebda arma meta saret it-tfixxija f'l-appartament tieghu. Aktar minn hekk m'hemm l-ebda prova li torbot lill-imputat ma l-incident li kien jinvolvi lil Patrick Sciberras. Quddiem din il-Qorti Sciberras qal li meta hareg jigri kien hemm zewg persuni hdejn il-bieb. Pero meta kien qed ikellem lill-pulizija li nvestigaw dan il-kaz huwa dejjem irrefera ghal persuna wahda. Fil-fatt l-ufficjali tal-pulizija kollha li xehedu li fil-verzjoni tieghu lilhom Sciberras semma' persuna wahda li ghamlet il-pistola ma' rasu. Aktar minn hekk mill-provi jidher li l-pulizija identifikaw lil Christian Bugeja bhala l-persuna li kellu l-pistola f'idejh u li ghamilha ma ras Sciberras; in oltre Sciberras m'gharafx lill-imputat meta kien qed jiddeponi.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-imputat ma jistax jinstab hati ta'l-imputazzjoni issa in ezami.

Illi permezz tas-sitt imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva. In sostenn ta' din l-imputazzjoni gew prezentati diversi sentenzi.

Illi permezz ta' tnejn mis-sentenzi esebiti (dawk datati 19 ta' Lulju 2007 u 12 ta' Dicembru 2007)[18] l-imputat ma giex ikkundannat imma gie liberat b'kundizzjoni f'wahda minnhom, u tpogga taht ordni ta' probation f'l-ohra; konsegwentement ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ai fini ta' recidiva. Sentenza ohra esebita (dik datat 9 ta' Ottubru 2008)[19] mhiex kopja awtentikata ghalkhekk ma tistax tigi accetat bhala l-ahjar prova u ghalhekk ghandha tigi skartata bhala prova.

Illi b'sentenza ohra datata 22 ta' Gunju 2010[20] wara li nstab hati tar-reati hemm indikati l-imputat gie ikkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin. U b'sentenza tas-17 ta' Frar 2011[21] l-imputat, wara li nstab hati tar-reati hemm indikati, gie ikkundannat ghal hlas ta' multi u tlett xhur prigunerija sospiezi ghal sentejn.

Illi hemm tlett sentenzi ohra esebiti[22]; dawn inghataw fis-17 ta' Settembru 2012, fil-25 ta' Ottubru 2012, u f'l-4 ta' Dicembru 2013 rispettivament.

Illi r-reati li taghhom qed jinstab hati permezz tal-proceduri odjerni gew kommessi fil-11 ta' Nocvembru 2011 ghalhekk l-ahhar tlett sentenzi fuq imsemmija ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ghaliex inghataw wara li gew kommessi r-reati li taghhom qed jinstab hati permezz tal-proceduri odjerni. Aktar minn hekk jirrizulta li r-reati odjerni gew kommessi fil-perjodu operattiv tas-sentenzi sospiza fuq imsemmi ghalhekk in kwantu dawn is-sentenza ikkundannaw lill-imputat perjodu sospiez ta' prigunerija huwa ghandu jitqies recidiv ai fini ta'l-artikolu 49 imma mhux 50 tal-Kapitolu 9. Pero s-sentenza tas-17 ta' Frar 2011 ma kkundannatx lill-imputat ghal perjodu sospiez ta' prigunerija biss imma kkundannathu ukoll ghal tlett multi.

Illi konsegwentement l-imputazzjoni issa in ezami tirrizulta in kwantu tirreferi ghall-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9.[23]

---

[18] Dok SM1 u Dok SM2 a fol 145 u 148 rispettivament.
[19] Dok SM 3 a fol 149.
[20] Dok SM4 a fol 153.
[21] Dok SM5 esebita a fol 155.
[22] Dok SM6 sa Dok SM 8 a fol 158 et se.q
[23] L-imputat mhux qed jinstab hati ta' serq ghalhekk l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 ma japplikax.

Illi permezz ta'l-ahhar imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bit-twettieq ta' reat fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiza mghotija fis-17 ta' Frar 2011.

Illi kif diga intqal jirrizulta li l-imputat wettaq ir-reati odjerni fil-perjodu operattiv tas-sentenza tas-17 ta' Frar 2011 ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata[24].

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li qalet il-probation officer Rona Custo dwar l-kambjamenti pozittivi li saru fil-hajja ta' l-imputat kemm ilu taht ordni ta' probation mghotija precedentment.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba u tal-hames imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u t-Taqsima 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel, s-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment; in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B(2) tal-Kapitolu 9 tghazel li ma ddahhalx fis-sehh s-sentenza tas-17 ta' Frar 2011. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' mija sebgha u disghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€197.41) rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-probation.

---

[24] Ghandu jigi rilevat li ai fini ta' din l-ahhar imputazzjoni l-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni biss is-sentenza tas-17 ta' Frar 2011 ghaliex c-citazzjoni taghmel referenza specifika ghal din is-sentenza; is-sentenza sospieza l-ohra ghalhekk ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**